FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 16 TA' FRAR 2001

Avviz Nru:- 958/97DM

Laura Borg
vs

Emma Properties Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' erba mija u sebghin lira maltija (Lm470), dovuta lilha bhala danni prelikwidati naxxenti minn att pubbliku ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' tat-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996), bl-imghaxijiet ulterjuri skond il-ligi li jibdew mill-15 t'April 1996 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet

1 Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' konvenuta m'ghamlet xejn li seta' jaghti lok ghall-hlas ta' danni kif stipulat fl-att ta' bejgh kwotat fl-avviz.

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata 2 ta' Dicembru 1999.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:-

Illi ma tirrizultax kontestazzjoni dwar l-allegazzjoni attrici illi l-konvenuti kienu obbligaw ruhhom li jlestu il-blokk minn kollox (almenu sat-tielet sular) mhux iktar tard mill-15 ta' April 1996 u li fin-nuqqas il-konvenuti kienu tenuti li jhallsu bhala penali somma ta LM10 kull jum ta nuqqas.

Lanqas ma huwa ikkontestat illi x-xogholijiet kollha li kellhom jezegwixxu l-konvenuti ma tlestewx fil-hin, tant li Mark Micallef, direttur tal-kumpanija konvenuta, jallega li kien sar ftehim mal-attrici fejn din irrinunzjat ghall-penali **dovuta minhabba d-dewmien,** stante kompensazzjoni ma xi ammonti dovuti mill-attrici ghal xi xoghol zejjed ordnat minnha.

Kemm mid-deposizzjonijiet tax-xhieda kif ukoll mir-ritratti esibiti tirrizulta ampjament l-inadempjanza tal-konvenuti almenu sal-10 ta Gunju 1996 meta tlesta il-lift u ghal dawn il-55 jum il-penali tammonta ghal LM550.

Infatti l-attrici qed titlob somma ridotta ta LM470 ghaliex qedgha takkredita lill-konvenuti bis-somma ta LM80 li hija ssostni li kellha thallas lill-konvenuti ghax-xoghol zejjed minnha ordnat.

Biex il-konvenuti jesimu ruhhom mir-responsabilita' ghad-dewmien huma bbazaw l-argumenti taghhom fuq ftehim mal-attrici li ma giex ippruvat u fuq il-kundizzjonijiet metereologici li ma jirrizultawx ppruvati li kienu tant

gravi u **eccezzjonali u imprevisti** li pprekludew ghal-kollox lill-konvenuti milli jesgwixxu dak li intrabtu li jaghmlu meta kienu qed jikkonkludu l-bejgh tal-appartament.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici is-somma mitluba ta LM470 ghas-saldu tal-penali minnhom dovuta a termini tal-kuntratt tat-13 ta Frar 1996 (Atti Nutar Dr.Marco Burlo') bl-imghax legali mill-lum.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Magt Dr D Montebello B. A. LLD

civ16